**KUNSILL LOKALI** **LOCAL COUNCIL**

**BORMLA**
*Citta' Cospicua*

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla**

**Id-disa' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 16/2025**

**Laqgħa Numru 16**

20 ta' Marzu, 2025

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, l-Ħamis 20 ta' Marzu 2025 fl-5.00 ta' filghaxija.

**PREŻENTI:**
Marco Agius - Sindku
Noya Spiteri Hammett - Viċi Sindku
Martin Vella - Kunsillier
Rita Gatt - Kunsilliera
Glauber Spiteri - Kunsillier

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Crystal Degabriele –Segretarju Eżekuttiv

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

**Minuti**

Is-Sindku Marco Agius ippresjeda din is-seduta Nru 16 għad-disa' leġislatura

| | |
|---|---|
| **16.01** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| **16.01.01** | NIL |
| **16.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti** |
| 16.02.01 | Is-segretarju eżekuttiv bagħtet l-minuti tas-seduta numru 14/2025 kif ukoll l-minuti tal-laqgħa b'urġenza numru 15 għad-disa' leġislatura permezz ta' email lis-sindku, viċi sindku u l-kunsilliera.<br>Il-kunsillier Glauber Spiteri approva il-minuti tas-seduta numru 14/2025 u 15/2025 għad-disgħa leġislatura u l-vici sindku Noyah Spiteri Hammet issekondat. |
| **16.03.** | **Korrispondenza** |
| 16.03.01 | Il-Segretarju Eżekuttiv beda seduta billi qrat l-minuti tas-seduta 14, kif ukoll ingħataw informazzjoni dwar dak li sar u dak li ma sarx mis-seduta li għaddiet. |
| 16.03.02 | Il-Segretarju Eżekuttiv kompliet billi infurmathom li rċeviet email mingħand Mario Fava, il-President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali, fejn infurmathom li ġejna mistiedna biex nkunu membri fl-European Cities Against Drugs, li l-fee ta' din il-membership hija ta' €125 fis-sena. Hekk kif iddiskutejna waqt is-seduta, il-kunsilliera qablu li għallissa ma nkunux membri. |
| 16.03.03 | Rċevejna email oħra mingħand is-Sur Matthew Tonna Gilford, fejn gharrafna dwar il-pubblikazzjoni li jagħmlu kull sena fl-okkażjoni tal-Gimgħa Mqaddsa. F'din il-pubblikazzjoni wieħed jista' jsib diversi artikli |

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

| | |
|---|---|
| | storici, poeżiji, kif ukoll il-programm uffiċjali tal-festi. Il-kunsilliera qablu li nagħmlu reklam nofs paġna, bil-kuluri, għal prezz ta' €75. |
| 16.03.04 | Email oħra mingħand Lorraine Galea, sid ta' propjetà fit-Triq, 57 Triq San Ġorġ, Cospicua, fil-kantuniera ma' 75 Triq l-Oratorju, Cospicua. Fl-email, qed titlob li jinqalgħu l-bankini, jsir membrane mill-ġdid, u jerġgħu jsiru il-bankini. Wara diskussjoni mal-kunsilliera, kien hemm qbil li nsaqsu lil Infrastructure Malta jekk ikunx possibbli li jsir dan ix-xogħol min-naħa tagħhom. |
| 16.03.05 | Email minn Simon Agius, Assistant Director, mill-Gvern Lokali:<br>Kien hemm aġġornament dwar il-miżuri tal-manifest elettorali relatati mal-parkeġġi, fejn il-Kunsilli kienu mitluba jipprovdu informazzjoni dwar l-arranġamenti tal-parkeġġi fil-lokalitajiet rispettivi tagħhom. Peress li din ir-responsabbiltà hija asenjata taħt dan id-Direttorat, huwa essenzjali li nkomplu naġġornaw l-UPM bl-aħħar żviluppi f'dan il-qasam. Għalhekk, qed jitolbuna nipprovdu informazzjoni dwar:<br>"Il-Kunsill għandu għad-dispożizzjoni tiegħu xi arranġament ma' awtoritajiet tal-Gvern jew mal-settur privat sabiex spazji ta' parkeġġ, f'ħinijiet meta ma jkunux qed jintuzaw minn dawn l-entitajiet, ikunu disponibbli għar-residenti tal-lokalità?"<br>"Proposti ta' arranġamenti simili li jistgħu jkunu disponibbli fil-lokalità."<br>"Siti/spazji pubbliċi li fihom potenzjal, u għaldaqstant jistgħu jiġu żviluppati f'siti ta' parkeġġ, inklużi kwalunkwe spazji taħt l-art."<br><br>"Proġetti relatati li ġew implimentati jew li huma fil-proċess li jitwettqu permezz tas-settur pubbliku/privat jew kwalunkwe entità oħra."<br>Wara diskussjoni bejn il-Kunsilliera, dehru qbil li jintuża l-parkegg quddiem l-iskola primarja, kif ukoll l-ispazju taħt il-Cospicua Rangers. |

| | |
|---|---|
| | Matul id-diskussjoni, il-Viċi Sindku, Noyah Spiteri Hammet, suggeriet li nitolbu lil Transport Malta biex it-triq tal-Gubilew tinkludi parkeġġ. |
| 16.03.06 | Email mibgħuta minn Deborah Debono, Youth Worker fl-Aġenzija Żgħażagħ, fejn qed tistaqsina jekk aħniex interessati li nimpjegaw ħaddiema taħt il-"Youth Specialisation Scheme". Hekk kif tkellimna u diskutejna bejn il-kunsilliera, bħalissa m'għandniex postijiet fejn nilqgħu iktar ħaddiema, imma nikkunsidraw dan fil-futur. |
| 16.03.07 | Email oħra mingħand Mario Fava, il-President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali, fejn qed jinfurmana jekk aħniex interessati li nibdew nirċievu identity cards tan-nies biex jibdew jingabru mill-kunsill. Wara diskussjoni, qbilna li ma napplikawx għal dan. |
| 16.03.08 | Email oħra mingħand Mario Fava, il-President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali, fejn qed jinfurmana jekk aħna interessati li napplikaw biex in-nies tal-komunità ikunu jistgħu jħallsu l-kontijiet tad-dawl fil-kunsill lokali. Qbilna li ma nahsibx li hija idea ħażina, pero Segretarju Eżekuttiv iċċarat li ħa tidiskuti mal-ħaddiema sabiex f'dan il-każ ikollna ġranet speċifiċi fejn il-kontijiet jistgħu jintħallsu. Dan se jippermetti li jkun hemm għażla ta' ġranet li jkunu disponibbli, u li ma tkunx miftuħa kuljum. Il-kunsilliera qablu. |
| 16.03.09 | Is-segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera li ser tkun qed tapplika għal s-shelter tal-bus stop ħdejn il-posta ta' Bormla. Kif ukoll, infurmathom li talbet biex isir upkeep tal-bus stop ta' meta toħroġ minn Santa Liena, imma ma ġietx aċċettata għar-raġuni li l-upkeep għandu jsir min-naħa tal-Kunsill. Għalhekk ser jingabru kwotazzjonijiet biex nirrangaw kif nistgħu. |
| **16.04** | **Kommunikazzjoni mIs-sindku** |

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

| | |
|---|---|
| 16.04.01 | Is-Sindku Marco Agius beda billi infurmahom dwar il-konferenza li kellna fix-xahar ta’ Frar fi Brussels għall-Focus Europe u spjegalhom dwar il-fondi li jinħarġu min-naħa tagħhom. Huwa saqsihom x’jaħsbu jekk għandniex nkunu membri magħhom billi nħallsu €2000 fis-sena. Huwa spjega li meta jinħarġu fondi, jkollna l-għajnuna biex napplikaw għal dawn il-fondi. Il-kunsilliera qablu li nħallsu biex nikollna iktar fondi li nkunu nistgħu napplikaw għalihom. Il-kunsilliera qablu li nħallsu biex nkunu eliġibbli li napplikaw. |
| 16.04.02 | Is-Sindku Marco Agius kompla billi infurmahom dwar il-laqgħa li kellu ma' Sur Kevin Fsadni, Director of Product Development Malta Tourism Authority, fejn talab biex jgħinuna fil-pjazza li ser tissemma għal Karmenu Mifsud Bonnici. Kif ukoll, kien hemm diskussjoni ma' Infrastructure Malta biex jsir it-tarmac mill-ġdid. Hekk kif ikun hemm xi tweġiba, nerġgħu ninfurmaw lill-kunsilliera. |
| 16.04.03 | Is-Sindku infurmahom ukoll dwar laqgħa oħra li kellu ma' Sur Rupert Cefai dwar l-iskultura ta' Joseph Casha li kellha titpoġġa fil-baċir numru 1. Huwa infurmahom li beda l-proċess fuq l-iskultura. |
| 16.04.04 | Is-Sindku infurmahom ukoll li l-Ambaxxatur tal-Kosovo kellmitna li hemm skola f'Prishtina li jixtiequ li jiġu f'Malta jżuru skola sekondarja, u kif ukoll wara, studenti Maltin imorru l-Kosovo biex jaraw id-differenzi fl-iskejjel bejn il-pajjiżi. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmathom li għandha titkellem mal-Head tas-Sekondarja biex naraw jekk humiex interessati. Kif ukoll, rridu niċċekjaw jekk hemmx xi fondi apposta għal dan il-ġemellaġġ. Il-laqgħa mal-Head tal-Kulleġġ Santa Margerita dwar il-Youth Exchange mal-Kosovo saret pero huwa infurmaħhom li din is-sena kollha hija pjanata u li mhix ser tkun possibbli. Madankollu, hekk kif ġie diskuss ma' Mr. Ellul, jixtieq li jkollna diskussjonijiet biex ssir sena d-dieħla. Għalhekk, ser ikun |

2A, ‘The Rest’, St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta
Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222
E-mail: bormla.lc@gov.mt

| | |
|---|---|
| | hemm laqgħa mal-Head tal-Iskola, kif ukoll mal-Head tal-Iskola fil-Kosovo, biex niddiskutu jekk hux possibbli li ssir sena d-dieħla. Il-kunsilliera ma sabu l-ebda oġġezzjoni. |
| 16.04.05 | Is-Segretarju Eżekuttiv kompliet billi infurmathom dwar il-kiosk li ser jsir mill-Heritage Malta fil-baċir numru 1. Dan ser ikun disponibbli għal tliet ijiem biss f'Ġunju, u ser ikun interattiv għall-viżitaturi, fejn jistgħu jilbsu VR u jesperjenzaw li jinsabu taħt l-baħar. Is-Sindku Marco Agius saqsa jekk ikunx possibbli li jerġgħu jġibu l-kiosk waqt il-Cospicua Short Play Festival. Għandna nitolbhom dan, u ma għandix tkun problema biex issir. Il-Kunsilliera qablu ma dan. |
| 16.04.07 | Is-Sindku infurmahom dwar il-laqgħa mal-avukat Luke Dalli, fejn ltqajna fuq proġett tal-bandli li jinsab quddiem il-kunsill. Il-gate u l-hedge jinsabu fil-BOQ, għalhekk mhux ser ikollna bżonn noħorġu variance. |
| 16.04.08 | Is-Sindku Marco Agius għamel talba biex fi triq l-immakulata u taħt il mina ta' santa liena jsiru sleeping police. Il-kunsilliera qablu li jsiru. |
| 16.04.09 | Is-Sindku Marco Agius talab biex terġa' ssir figolla daqs metru biex titqassam fl-Għid. Kif ukoll, jsiru xi drinks fil-kunsill jew nitkellmu mal-baginu. Jsir ukoll fireworks mill-kunsill. Il-kunsilliera qablu li terġgħa sseħ. |
| 16.04.10 | Is-Sindku Marco Agius talab biex f'Ħamis ix-xierqa nagħmlu xemgħat fil-baċir numru wieħed, fit-tarag ħdejn il-monument tal-gwerra. Il-kunsilliera qablu u qablu ukoll li nibagħtu ittra lil nies li jixtiequ joħorġu xemgħa fit-toroq: Triq il-Pellegrinagg, Triq l-Oratorju, Triq San Ġorġ. Tintbagħat ittra wkoll lill-Każin tal-Banda biex naraw jekk jixtiequx jarmu l-pjazza ta' quddiem il-Każin. |
| **16.05** | **Twegibiet għall-mistoqsiiet mil- kunsilliera** |

| | |
|---|---|
| 16.05.01 | Il-Kunsillier Glauber Spiteri staqsa dwar il-proġett tal-Ġnien il-Kottoner, jekk nafux meta ser ikun lest. Is-Sindku infurmahom li meta kellu laqgħa ma' Project Green, infurmawh li ser ikun lest sena d-dieħla. |
| 16.05.02 | Il-Kunsilliera Rita Gatt staqsiet dwar il-mitħna, meta ser jinbeda x-xogħol fuqha. Is-Sindku Marco Agius irrisponda li hekk kif Onorevoli Alison Zerafa Civelli ħabbret, ix-xogħol ser jibda f'April. |
| 16.05.03 | Il-Kunsillier Martin Vella staqsa dwar il-bus stop fi Triq Wigi Rosato. Is-Segretarju Eżekuttiv tkellmet ma' Transport Malta u infurmana li jekk aħna nidentifikaw post ieħor, ma jsibu l-ebda problema li jinbidel il-post. Wara diskussjoni, kien hemm qbil li morru fuq il-post u niddetifikaw post ġdid għal bus stop. |
| **16.06** | **Mozzjonijiet** |
| 16.06.01 | Għeżież,<br>qed nitlob illi il-kunsill jiftah pjatta formi ġodda tal-Midja Soċjali. Bħal ma nafu diġa nfetħet il-paġna ta' Instagram pero issa nemmen ukoll illi għandha nmorru għal-xi ħaġa ġdida.<br><br>***Visit Bormla*** :Idea li ħarġet waqt diskussjoni waqt il-kunsill tat-tfal. Din tkun paġna fuq TikTok fejn issiru diversi videos qosra b'informazzjoni fuq beltna. Tajjeb illi nsemmi illi TikTok huwa wieħed mil-aqwa midja soċjali fejn tista' tirreklama.<br><br>**Glauber Spiteri**<br><br>Proponent: Glauber Spiteri _________________<br><br>Sekondant :<br><br>Din il-mozzjoni ser terġa' tiġi diskussa 'l quddiem. Il-Kunsillier Glauber Spiteri wera xewqa li ssir qabel il-Cospicua Short Play Festival. |

| | |
|---|---|
| 16.06.02 | Mozzjoni Numru 53/2025 (IX)<br><br>Seduta Numru 16/2025 (IX)<br><br>Għeżież ,<br>qed nitlob illi Triq ta' Quddiem il-Kunsill terġa tiġi triq pedonali bħal ma kienet ftit ta' żmien ilu.<br>Tajjeb illi nghidu illi din mnizzla hekk min TM ukoll.<br><br>Il-kunsilliera preżenti qablu ma din il-mozzjoni.<br><br>Proponent: Glauber Spiteri ____________________<br><br>Sekondant : Rita Spiteri ___________________<br><br><br>Il-Kunsilliera kollha qablu ma' din il-mozzjoni. |
| 16.06.03 | Mozzjoni Numru 54/2025<br><br>Seduta Numru 16/2025 (IX)<br><br>Good afternoon Crystal,<br>Nixtieq ngħaddi mozzjoni biex meta joħorgu xi fondi jsir restawr fiz-zigu zajg,l- Armati ta' triq ir- Regatta,bandli fejn il- Venda u s- Sur.<br>Nispjega fil- Laqgha.<br>Grazzi<br>Marco Agius<br>Sindku Bormla<br><br>Proponent: Marco Aguis ____________________<br><br>Sekondant : Martin Vella ___________________<br><br>Il-Kunsilliera kollha qablu ma' din il-mozzjoni. |
| 16.06.04 | Mozzjoni Numru 55/2025<br><br>Seduta Numru 16/2025 (IX)<br><br>Nixtieq nagħaddi mozzjoni biex, meta jkun il-waqt, napplikaw għal dawn il-fondi msemmija hawn taħt. |

| | |
|---|---|
| | SPI.SCI.05.2025 - Espressjoni ta' Interess - Finanzjament Karnival 2026<br><br>SPI.SCI.06.2025 - Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali<br><br>SPI.SCI.07.2025 - Finanzjament - Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta Kwalità.<br><br>Grazzi<br>Marco Agius<br>Sindku Bormla<br><br>Proponent: Marco Aguis ________________<br><br>Sekondant : Glauber Spiteri ________________<br><br>Il-Kunsilliera kollha qablu ma' din il-mozzjoni. |
| 16.06.05 | Mozzjoni Numru 56/2025<br><br>Seduta Numru 16/2025 (IX)<br><br>Qiegħed ngħaddi mozzjoni biex, meta jkollna fondi, isiru xogħlijiet ta' welding fuq iż-żewġ arbli tal-ħadid li hemm fi Triq John Pace, u jiġu mixgħula. Infiehem waqt il-laqgħa.<br><br>Grazzi<br>Marco Agius<br>Sindku Bormla<br><br>Proponent: Marco Aguis ________________<br><br>Sekondant : Noyah Spiteri Hammett ________________<br><br>Il-Kunsilliera kollha qablu ma' din il-mozzjoni. |
| 16.06.06 | Mozzjoni Numru 57/2025<br><br>Seduta Numru 16/2025 (IX) |

| | |
|---|---|
| | Nixtieq nippreżenta mozzjoni biex tintbagħat ittra dwar il-pots kbar fuq il-bankini fi Triq Santa Margerita. Dawn qed joħolqu problema għar-residenti, għax qed jagħmluha diffiċli biex jgħaddu, speċjalment dawk b'pushchairs jew bżonnijiet speċjali.<br><br>Napprezza jekk nistgħu niddiskutu dan aktar. Grazzi.<br>**Glauber Spiteri**<br><br>Proponent: Glauber Spiteri _________________<br><br>Sekondant:<br><br>Il-Kunsilliera qablu li forsi jistgħu jitneħħew pjanti minn naħa waħda ta' triq, iżda s-Sindku jemmen li se noħolqu ħafna tgergir bla bżonn. Għalhekk, l-ewwel qablu li l-Kunsillier Glauber jitkellem mal-persuni li illmentaw biex forsi għandhom xi idea aħjar x'jistgħa jsir. |
| 16.06.07 | Mozzjoni Numru 58/2025<br><br>Seduta Numru 16/2025 (IX)<br><br>Qieghed nitlob biex bhala kunsill nibdew norganizzaw xi talk,xi harga ghan-nies romol etc.<br>Ghalekk qieghed nitlob biex niddiskutuwha.<br>Grazzi<br>Marco Agius<br>Sindku Bormla<br><br>Proponent: Marco Agius _________________<br><br>Sekondant:<br><br>Il-Kunsilliera qablu li s-Sindku għandu jitkellem ma' dawn in-nies biex jorganizzaw grupp. Umbad huma jiġu jkellmu lill-kunsill bl-ideat li joħorġu bihom biex ssir kolaborazzjoni. |
| 16.06.08 | Mozzjoni Numru 59/2025<br><br>Seduta Numru 16/2025 |

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

| | |
|---|---|
| | Qieghed nitlob biex nghaddi mozzjoni biex in- Naha ta' warajna isir Disable parking mhux personalizzat.<br>Grazzi<br>Marco Agius<br>Sindku Bormla<br><br>Proponent: Marco Agius ________________<br><br>Sekondant: Noyah Spiteri Hammett ________________<br><br>Il-Kunsilliera kollha qablu ma' din il-mozzjoni. Għalhekk, ser nkunu qegħdin nidentifikaw post u jsir disable parking. |
| 16.07.09 | Mozzjoni Numru 60/2025<br><br>Seduta Numru 16/2025<br><br>Qieghed nghaddi mozzjoni biex jinxtara dried food biex jitqassam lil feeders ghal qtates.<br><br>Grazzi<br>Marco Agius<br>Sindku Bormla<br><br>Proponent: Marco Agius ________________<br><br>Sekondant: Glauber Spiteri ________________<br><br>Il-Kunsilliera kollha qablu ma' din il-mozzjoni. |
| 16.07.10 | Mozzjoni Numru 61/2025<br><br>Seduta Numru 16/2025 |

| | |
|---|---|
| | Qieghed nghaddi mozzjoni biex ghal zmien il- festi tal- Gimgha Mqaddsa,isir fuljett bil- programm li jsir fil- knejjes f' Bormla.Kif ukoll mappa tal- wirjiet li jigu esebiti f' dawn iz- zmienijiet sbieh.<br>Grazzi<br>Marco Agius<br>Sindku Bormla<br><br>Proponent: Marco Agius __________________<br><br>Sekondant: Glauber Spiteri __________________<br><br>Il-Kunsilliera kollha qablu ma' din il-mozzjoni. |
| 16.07.11 | Mozzjoni Numru 61/2025<br><br>Seduta Numru 16/2025<br><br>Nixtieq nghamel mozjoni,,,, stedina ghal Attivita ta l Anzjani tal line dancing, flimkien ma l ghalliema Doris Agius, biex niprezentawlhom ic certifikat ta l attendenza, filwaqt naghamlu bhal reciviment zghir kif inhu xiraq fl AUM. Kunsill kollu jkun prezenti, kif ukoll l kbir ta l AUM.<br>Grazzi<br>Rita gatt<br>Kunsilliera Bormla.<br><br>Proponent: Rita Gatt __________________<br><br>Sekondant: Marco agius __________________<br><br>Il-Kunsilliera kollha qablu ma' din il-mozzjoni. |
| **16.07** | **Approvazzjoni ta'skedi ta' hlasijiet** |
| 16.07.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet email bl-iskeda numru 3 għad-9 leġislatura u l-petty cash ta' Frar 2025. |

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

| | |
|---|---|
| | Il-Kunsillier Glauber Spiteri approva l-iskeda numru 3 għad-9 leġislatura, waqt li l-Kunsillier Martin Vella issekondah.<br><br>Kif ukoll, il-Kunsillier Glauber Spiteri approva l-petty cash ta' Frar, waqt li l-Kunsilliera Rita Gatt isskondat. |
| **16.08** | **Aġġornament tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |
| 16.08.01 | Is-seduta ġiet mtemma 19:00 ta filgħaxija u ġiet aġġornata għal 14 ta' April fil-Ħamsa. |

Konfermati, illum 14 t'April, 2025

IFFIRMATA

______________

**Marco Agius**

Sindku

IFFIRMATA

______________________

**Crystal Degabriele**

Segretarju Eżekuttiv

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*